

32004R2272

L 396/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.12.2004

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2272/2004

tat-22 ta' Diċembru 2004

li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 769/2002 fuq l-importazzjoni ta' coumarin li toriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' coumarin li jiġu kkunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk ikunu dikjarati li joriġinaw fl-Indja jew fit-Tajlandja kif ukoll jekk le

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi li m'humex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara l-konsultazzjoni li saret mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROCĊEDURA

1. Miżuri eżistenti

- (1) Wara revizzjoni ta' skadenza, bir-Regolament (KE) Nru 769/2002 ⁽²⁾ ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju definittiv *anti-dumping* ta' EUR 3 479 għal kull tonnellata ta' importazzjoni ta' coumarin li taqa' taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00 u li toriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("PRC").

2. Talba

- (2) Fl-24 ta' Frar 2004, il-Kummissjoni rċeviet talba skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku sabiex tinvestiga allegat ksur tal-miżuri *anti-dumping* imposti fuq importazzjoni ta' coumarin li joriġina fil-PRC ("it-talba"). It-talba tressqet mill-Kunsill Ewropew ta' l-Industrija Kimika (CEPIC) ("l-applikant") fisem l-uniku produttur fil-Komunità.

- (3) It-talba allegat li kien hemm tibdil fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni ta' miżuri *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' coumarin li joriġina fil-PRC, kif jidher minn żieda sinifikattiva fl-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mill-Indja u t-Tajlandja.

- (4) Kien allegat li din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ kienet qed tibda mill-ġarr ta' coumarin li joriġina mil-PRC permezz ta' l-Indja u t-Tajlandja. Kien allegat ukoll li ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għal din il-prassi, għajr l-eżistenza tal-miżuri *anti-dumping* fuq importazzjoni ta' coumarin li joriġina fil-PRC.

- (5) Fl-aħħar, l-applikant allega li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti fuq coumarin li joriġina fil-PRC kienu qed jiddgħajfu kemm f'termini ta' kwantitajiet u ta' prezzijiet. Volumi sinifikattivi ta' importazzjonijiet ta' coumarin mill-Indja u t-Tajlandja deheru li ħadu post l-importazzjonijiet ta' coumarin mil-PRC. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza li ż-żieda fl-importazzjonijiet saret bi prezzijiet li kienu ferm inqas mill-prezz mhux ta' ħsara stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti, u li d-*dumping* kien qed iseħħ frabta mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għal coumarin li joriġina fil-PRC.

3. Bidu

- (6) Il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament (KE) Nru 661/2004 ⁽³⁾ ("ir-Regolament tal-bidu") fl-allegat ksur tal-miżuri *anti-dumping* imposti fuq importazzjonijiet ta' coumarin li joriġina fil-PRC f'importazzjonijiet ta' coumarin kkunsinnati mill-Indja jew it-Tajlandja, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw fl-Indja jew it-Tajlandja u kemm jekk ma jkunux u, skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, ordnat lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' coumarin li jkunux kkunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw fl-Indja jew it-Tajlandja u kemm jekk ma jkunux, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00 (kodiċi TARIC 2932 21 00 11 u 2932 21 00 15), mid-9 ta' April 2004. Il-Kummissjoni avżat lill-awtoritajiet tal-PRC, ta' l-Indja u tat-Tajlandja bil-bidu ta' l-investigazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 123, 9.5.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1854/2003 (ĠU L 272, 23.10.2003, p. 1)

⁽³⁾ ĠU L 104, 8.4.2004, p. 99.

4. **Investigazzjoni**

(b) L-Indja

- (7) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-awtoritajiet tal-PRC, ta' l-Indja u tat-Tajlandja, lill-produtturi/esportaturi, lill-importaturi fil-Komunità li huwa magħruf li huma konċernati u lill-applikant bil-bidu ta' l-investigazzjoni. Intbagħtu kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fil-PRC u fl-Indja (ma kien hemm l-ebda produtturi magħrufa mit-Tajlandja), kif ukoll lill-importaturi fil-Komunità msemmija fit-talba jew magħrufa mill-Kummissjoni mill-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jwasslu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fir-Regolament tal-bidu. Il-partijiet kollha kienu infurmati li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tista' twassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u s-sejbiet isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.
- (8) L-ebda produttur jew esportatur fil-PRC jew fit-Tajlandja ma wiegħeb il-kwestjonarju. Twegħibiet għall-kwestjonarju fil-limiti ta' żmien preskritti kienu rċevuti minn produttur ta' l-esportazzjoni fl-Indja u minn importatur fil-Komunità. Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' verifika fil-post ta' dan il-produttur li jesperta Indjan:

— Atlas Fine Chemicals Pvt. Ltd, Nasik, l-Indja

- (11) Ikkooopera produttur ta' l-esportazzjoni fl-Indja, Atlas Fine Chemicals Pvt. Ltd, L-Indja ("Atlas"), li jirrappreżenta iktar minn 90 % fil-volum u l-valur ta' l-importazzjonijiet totali ta' *coumarin* mill-Indja matul l-IP.
- (12) Fit-twegħiba tal-kwestjonarju tiegħu, Atlas kien iddikjara li l-ebda waħda mill-kumpanniji relatati tiegħu m'hi involuta, direttament jew indirettament, fin-negozju u l-manifattura ta' *coumarin*. Madankollu, iż-żjara ta' verifika wriet li Atlas għandu żewġ kumpanniji relatati fl-Indja: Monolith Chemicals Pvt. Ltd. u Aims Impex Pvt. Ltd. li jimpurtaw *coumarin* li joriġina mil-PRC lejn l-Indja u li imbagħad ibiegħu l-prodotti impurtati lill-Atlas.

(ċ) Il-PRC

- (13) L-ebda produttur jew esportatur Ċiniż ma kkoopera fl-investigazzjoni.

5. **Perjodu ta' investigazzjoni**

- (9) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004 ("IP"). Id-*data* mis-sena 2000 sa tmiem l-"IP" kienet miġbura sabiex ikun mistħarreġ it-tibdil fix-xejra tal-kummerċ.

- (14) Kien intqal b'mod ċar lil dawn il-kumpanniji li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jista' jwassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Kienu wkoll infurmati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni.

2. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili**B. **RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI**1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali/grad ta' kooperazzjoni**

(a) It-Tajlandja

- (10) L-ebda produttur jew esportatur ta' *coumarin* fit-Tajlandja ma ppreżenta ruħu jew ikkoopera fl-investigazzjoni. B'hekk, is-sejbiet relatati ma' l-esportazzjonijiet ta' *coumarin* ikkunsinnat mit-Tajlandja lejn il-Komunità kellhom isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Fil-bidu nett ta' l-investigazzjoni, l-awtoritajiet tat-Tajlandja kienu ġew infurmati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif imniżżel fl-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku.

- (15) Il-prodott ikkonċernat mill-allegat ksur huwa, kif definit fir-Regolament oriġinali, *coumarin* li preżentement huwa klassifikabbli taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00. Il-*coumarin* huwa trab abjad kristallin b'riħa karatteristika ta' ħuxlief li jkun għadu kemm inħasad. L-użi ewlenin tiegħu huma bħala aroma kimika u bħala sustanza fissativa fil-preparazzjoni ta' komposti tal-fwieħa, liema komposti jintużaw fil-produzzjoni ta' deterġenti, kosmetiċi u fwejjaħ fini.

- (16) Il-*coumarin* jista' jiġi manifatturat bis-saħħa ta' żewġ proċessi ta' produzzjoni differenti: ir-rotta Phenol li tinvolvi reazzjoni Perkin u r-rotta o-Cresol li tinvolvi reazzjoni Rasching. Madankollu, il-*coumarin* prodott minn dawn iż-żewġ proċessi għandu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi.

(17) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni mill-uniku produttur Indjan li kkoopera u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn xi produttur Indjan ieħor u minn xi partijiet oħra fit-Tajlandja, wieħed għandu jikkonkludi, fin-nuqqas ta' kull evidenza kuntrarja, li l-*coumarin* esportat lejn il-Komunità mil-PRC u l-*coumarin* ikkunsinnat mill-Indja u t-Tajlandja għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi. Huma għalhekk meqjusa bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

it-Tajlandja żdiedu b'mod sostanzjali minn 1 tunnellata fl-2000 għal 270 tunnellata fl-IP. Għe wkoll innutat li l-importazzjoni mit-Tajlandja ikkumpensat, sa ċertu punt, għat-tnaqqis fl-importazzjoni mil-PRC minn mindu l-miżuri ġew oriġinarjament imposti mir-Regolament (KE) Nru 600/96.

(21) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' evidenza kuntrarja, wieħed jista' jikkonkludi li kien hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-PRC, it-Tajlandja u l-Komunità mill-2000 għall-IP li bdiet mill-ġarr ta' *coumarin* li joriġina fil-PRC permezz tat-Tajlandja.

3. Bidla fix-xejra tal-kummerċ

(18) Kif iddikjarat hawn fuq, it-tibdil fix-xejra tal-kummerċ kien allegat li qed jibda mill-ġarr permezz ta' l-Indja u t-Tajlandja.

L-Indja

It-Tajlandja

(19) Billi l-ebda kumpanija Tajlandiża ma kkooperat fl-investigazzjoni, l-esportazzjonijiet mit-Tajlandja lejn il-Komunità kellhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Id-*data* ta' l-Eurostat, li kienet l-aktar tagħrif xieraq disponibbli, għalhekk intużat biex ikunu stabbiliti l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mit-Tajlandja.

(22) Is-sehem ta' l-importazzjonijiet kunsinnati mill-Indja fil-volum totali ta' importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità żdied minn 11 % fl-2000 għal 35 % fl-IP, waqt li s-sehem ta' importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità mil-PRC baqa' stabbli għal 7 % matul l-istess perjodu. Iktar minn hekk, statistiċi Ċiniżi ta' l-esportazzjoni fil-livell tal-kodiċi NM urew li matul l-istess perjodu l-esportazzjoni ta' *coumarin* mil-PRC lejn l-Indja żdiedet b'mod sostanzjali minn 88 tunnellata fl-2000 għal 687 tunnellata fl-IP. Għe wkoll innutat illi l-importazzjoni mill-Indja ikkumpensat, sa ċert punt, għat-tnaqqis fl-importazzjoni mil-PRC minn mindu l-miżuri ġew oriġinarjament imposti bir-Regolament (KE) Nru 600/96.

(20) L-importazzjonijiet ta' *coumarin* mit-Tajlandja żdiedu minn 0 tunnellati fl-2000 għal 211 tunnellata fl-IP. Dawn l-importazzjonijiet mit-Tajlandja bdew f'Ottubru 2001, f'it xhur wara l-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza mitmuma fl-2002 ("l-investigazzjoni preċedenti"), meta ma setax ikun eskluż li l-miżuri imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 600/96 tal-25 ta' Marzu 1996 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjoni ta' *coumarin* li jkun ġej mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina⁽¹⁾ setgħu jinżammu. Is-sehem ta' l-importazzjonijiet ikkunsinnati mit-Tajlandja fil-volum totali ta' importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità żdied minn 0 % fl-2000 għal 50 % fl-IP, waqt li s-sehem ta' importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità mil-PRC baqa' stabbli f'7 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, statistiċi Ċiniżi ta' l-esportazzjoni fil-livell tal-kodiċi NM juru li matul l-istess perjodu l-esportazzjonijiet ta' *coumarin* mil-PRC lejn

(a) Il-produttur ta' l-esportazzjoni li kkoopera fl-Indja

(23) Atlas komplet iżżid, b'mod sostanzjali u kontinwu, l-esportazzjoni tagħha lejn il-Komunità minn 100⁽²⁾ fis-sena finanzjarja ("FY") 2000/2001⁽³⁾ għal 1 957 fl-IP. Waqt l-istess perjodu, Atlas żiedu sostanzjalment ix-xiri tal-*coumarin* li joriġina mil-PRC minn 100 fil-FY 2000/2001 għal 1 411 fl-IP. Huwa għalhekk konkluż illi Atlas iddeċidew li jimportaw il-*coumarin* ta' oriġini Ċiniża, u wara modifika żgħira, jerġgħu jesportawh lejn il-Komunità u b'hekk iżidu sostanzjalment is-sehem ta' l-importazzjoni kkunsinnata mill-Indja lejn il-Komunità.

(2) Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-informazzjoni f'dan il-paragrafu ġiet indizjata.

(3) Li tkopri l-perjodu mill-1 ta' April ta' sena waħda sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara.

(1) ĠU L 86, 4.4.1996, p. 1.

(b) **Kumpanniji li ma kkooperawx**

- (24) It-talba semmiet produttur ieħor fl-Indja. F'dak li għandu x'jaqsam ma' din il-kumpannija li ma kkooperatx, kif ukoll kull produttur ieħor li jista' jkun li jeżisti iżda li għażel li ma jikkooperax, il-volum u l-valur ta' l-esportazzjoni tagħha kellu jkun stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Id-*data* ta' l-Eurostat, li kienet l-iktar informazzjoni xierqa disponibbli, kienet għalhekk użata biex jkun stabbilit l-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni tal-kumpanniji li ma kkooperawx. Fuq dik il-bażi, instab li l-importazzjonijiet tal-kumpanniji li ma kkooperawx naqsu xi ftit. Iktar minn hekk, għandu jingħad li l-importazzjonijiet tal-kumpanniji li ma kkooperawx kienu jirrapreżentaw biss 4-7 %⁽¹⁾ fil-volum u l-valur ta' l-importazzjonijiet totali ta' *coumarin* lejn l-Indja matul l-IP. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni u s-sehem żgħir mis-suq tal-kumpanniji li ma kkooperawx, instab li l-informazzjoni disponibbli għall-kumpanniji li ma kkooperawx ma kinitx tali li tinvalida s-sejbiet ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ.

(ċ) **Konklużjoni għall-Indja**

- (25) Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, wieħed jikkonkludi li kien hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Indja, il-PRC u l-Komunità mill-2000 għall-IP li bdiet mill-esportazzjoni mill-ġdid wara modifika żgħira tal-*coumarin* li joriġina fil-PRC permezz ta' l-Indja mill-kumpannija li kkooperat u t-trasbord tal-*coumarin* li joriġina mil-PRC permezz ta' l-Indja mill-kumpanniji li ma kkooperawx.

4. Raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika mhux suffiċjenti

It-Tajlandja

- (26) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet mit-Tajlandja, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' kull evidenza kuntrarja, wieħed jikkonkludi li, minħabba li l-importazzjonijiet bdew xi xhur wara l-bidu ta' l-investigazzjoni preċedenti, probabbilment biex tkun anti-ċipata xi impożizzjoni ġdida tal-miżuri preżenti *anti-dumping*, il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bdiet mill-eżistenza ta' miżuri *anti-dumping* iktar milli minn xi raġuni suffiċjenti oħra jew minn xi ġustifikazzjoni ekonomika fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

L-Indja

- (27) Għall-produttur ta' l-esportazzjoni Indjan li kkoopera, Atlas, instab li kien jimporta *coumarin* prodott permezz

tar-rota o-Cresol mil-PRC permezz ta' żewġ kumpanniji Indjani relatati. Il-prodott impurtat kien jiġi ppurifikat aktar mill-Atlas u dan il-*coumarin* aktar ippurifikat kien ikun imbagħad jerġa' jiġi esportat lejn il-Komunità. Fl-IP, il-volum ta' *coumarin* suġġett għal dan il-proċess ta' produzzjoni kien jirrappreżenta il-75 %⁽²⁾ tal-volum tal-produzzjoni totali ta' l-Atlas. Il-volum li jifdal ta' 25 %⁽²⁾ jirrappreżenta l-produzzjoni ġenwina tal-*coumarin* fl-Indja permezz tar-rota Phenol. Peress li l-kodiċi NM iddikjarat għall-*coumarin* impurtat mil-PRC u dak iddikjarat għall-*coumarin* ippurifikat ulterjorment esportat mill-ġdid mill-Atlas lejn il-Komunità huwa l-istess, għandu għalhekk jiġi konkluż li ż-żewġ prodotti huma l-istess u għalhekk il-prodott esportat mill-ġdid lejn il-Komunità jżomm l-oriġni Ċiniża tiegħu.

- (28) Atlas stqarret li kodiċi NM huwa biss element indikattiv li jistabbilixxi l-oriġini ta' prodott u l-purifikazzjoni ulterjuri tal-*coumarin* għandha titqies bħala l-aħħar fażi ta' pproċessar sostanzjali f'impriża mġammra għal dan il-għan, bir-riżultat tal-manifattura ta' prodott ġdid. Għalhekk, fil-fehma ta' Atlas, il-*coumarin* ippurifikat ulterjorment mill-kumpannija għandu oriġini Indjana.

- (29) Instab li l-purifikazzjoni ulterjuri tal-*coumarin*, li huwa diġà xieraq għall-industrija tal-kosmetiċi, ma tbiddilx l-oriġini ta' dak il-*coumarin*.

- (30) Barra minn hekk, l-investigazzjoni kixfet li l-purifikazzjoni ulterjuri tal-*coumarin* ma tiswiex wisq u għalhekk ġie konkluż li dan il-proċess jikkonsisti biss minn modifika żgħira tal-*coumarin* sabiex titjeb il-purezza tiegħu u mhux sabiex jiġi manifatturat prodott ieħor. Fil-fatt, il-*coumarin* ippurifikat ulterjorment jaqa' taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Dan ma ġiex ikkontestat minn Atlas.

- (31) Atlas wkoll stqarrew li waqt il-valutazzjoni ta' jekk l-approċessar tqiesx sostanzjali, il-valur tal-*coumarin* impurtat mil-PRC li ntilef waqt il-proċess ta' purifikazzjoni ulterjuri għandu jitqies bħala spiża li toħroġ mill-proċess ta' purifikazzjoni. Madankollu, wieħed jeħel il-valur tal-*coumarin* mitluf fil-proċess ta' purifikazzjoni jinħass meta l-*coumarin* ta' dan it-tip jinxtara. Għalhekk, ma jistax jitqies bħala spiża iġġenerata mill-proċess ta' purifikazzjoni nnifsu.

⁽¹⁾ Il-marġni huma mogħtija għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

⁽²⁾ Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, mhix qed tingħata *data* preċiża.

(32) Il-kumpanija żiedet ukoll li r-raġuni ewlenija għall-esportazzjoni ta' *coumarin* li joriġina mil-PRC kienet n-nuqqas ta' sigurtà minħabba r-riskju ta' strajks fl-Indja. Madankollu, anke jekk ir-riskju ta' strajks kien, bħala tali, meqjus li huwa ġustifikazzjoni possibbli għad-deċiżjonijiet ta' kumpanija, l-istrajks jistgħu jinfluwenzaw iż-żewġ proċessi ta' produzzjoni applikati mill-Atlas, i.e. il-produzzjoni ta' *coumarin* Indjan permezz tar-rotta Phenol u l-purifikazzjoni ta' *coumarin* permezz tar-rotta o-Cresol li joriġina fil-PRC. L-istrajks għalhekk ma jidhrux li huma ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-fatt li l-porzjoni ta' *coumarin* li joriġina fil-PRC u użata mill-Atlas fil-proċess ta' produzzjoni żiedet minn madwar 25 % fl-2000 għal iktar minn 70 % fl-IP ⁽¹⁾.

(33) Huwa għalhekk konklużi illi l-bidla fix-xejra tal-kummerċ ħarġet mill-eżistenza ta' miżuri kontra d-*dumping* aktar milli min xi kawża jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(34) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kumpaniji fl-Indja li ma kkooperawx, l-esportazzjonijiet tagħhom naqsu wara l-FY 2001/2002, waqt li l-Atlas żiedet b'mod sostanzjali is-sehem tas-suq tagħha, imma minħabba l-kwantitajiet żgħar involuti, instab li dan ma jaffettwax is-sejba ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ.

5. Id-djufija ta' l-effetti ta' rimedju tad-dazju f'termini ta' prezzijiet u/jew il-kwantitajiet tal-prodotti simili

It-Tajlandja

(35) Fuq il-bażi ta' l-analiżi ta' l-andament tal-kummerċ magħmula hawn fuq, instab li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità hija marbuta mal-fatt li kien hemm fis-seħħ miżuri *anti-dumping*. Filwaqt li importazzjonijiet dikjarati li joriġinaw fit-Tajlandja kienu assenti fis-suq tal-Komunità sa Ottubru 2001, huma ammontaw għal 211 tunnellata fl-IP. Dan il-volum irrappreżenta 30,7 % tal-konsum tal-Komunità matul l-IP ta' l-investigazzjoni preċedenti.

(36) L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet medji ta' l-importazzjonijiet mit-Tajlandja kienu saħansitra inqas

mill-prezzijiet ta' importazzjonijiet mil-PRC fl-investigazzjoni preċedenti u għalhekk inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità. Il-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet mit-Tajlandja kienu wkoll 20 % inqas mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni taċ-Ċina matul l-IP ta' l-investigazzjoni preżenti.

(37) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jikkonkludi li l-bidla fl-andament tal-kummerċ, flimkien mal-prezzijiet baxxi ħafna ta' l-esportazzjonijiet mit-Tajlandja dgħajfu l-effetti ta' rimedju tal-miżuri *anti-dumping* kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet tal-prodotti simili.

L-Indja

(38) Fuq il-bażi ta' l-analiżi ta' l-andament tal-kummerċ magħmula hawn fuq, instab li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ hija marbuta mal-fatt li kien hemm fis-seħħ miżuri *anti-dumping*. Filwaqt li importazzjonijiet kunsinnati mill-Indja kienu jirrapreżentaw biss il-11 % tal-volum totali ta' importazzjonijiet ta' *coumarin* fil-Komunità fl-2000, huma ammontaw għal 35 % fl-IP. Dan il-volum irrappreżenta 18-22 % ⁽²⁾ tal-konsum tal-Komunità matul l-IP ta' l-investigazzjoni preċedenti.

(39) L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet medji ta' l-importazzjonijiet mill-Indja kienu saħansitra inqas mill-prezzijiet ta' importazzjonijiet mil-PRC fl-investigazzjoni preċedenti u għalhekk inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità. Il-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet mill-Indja kienu wkoll 14 % inqas mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni taċ-Ċina matul l-IP ta' l-investigazzjoni preżenti.

(40) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jikkonkludi li l-bidla fl-andament tal-kummerċ, flimkien mal-prezzijiet baxxi ħafna ta' l-esportazzjonijiet mill-Indja dgħajfu l-effetti ta' rimedju tal-miżuri *anti-dumping* kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet tal-prodotti simili.

(41) Atlas stqarrew li mhuwiex raġjonevoli li jitqabblu l-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lill-Komunità fl-1994 (i.e. l-IP użat fl-investigazzjoni li wassal għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali fl-1996) mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Indjani lill-istess suq illum, minħabba li għaxar snin għaddew bejn iż-żewġ IPs.

⁽¹⁾ Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, mhix qed tingħata *data* preċiża.

⁽²⁾ Il-marġni huma mogħtija għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(42) Madankollu, ir-realtà hija li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Indjani tqabblu mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniżi stabbiliti fl-IP tar-reviżjoni ta' l-iskadenza konkluża fl-2002.

6. Evidenza ta' dumping b'rabta mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodotti simili

It-Tajlandja

(43) Sabiex jiġi ddeterminat jekk instabx evidenza ta' *dumping* fir-rigward tal-prodott ikkonċernat esportat lill-Komunità mit-Tajlandja waqt l-IP, id-*data* ta' l-Eurostat intużat konformement ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(44) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jeħtieġ evidenza ta' *dumping* f'relazzjoni mal-valur normali stabbilit qabel għal prodott li huma l-istess jew inkella simili.

(45) Biex ikun hemm paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, sar provvediment, fl-għamla ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw l-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezz. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-ġarr u l-assigurazzjoni, fuq il-bażi tal-fatti bażiċi disponibbli i.e kif mogħtija fit-talba skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(46) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun bejn il-valur normali medju mwieżen kif stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja mwieżna tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul l-IP ta' din l-investigazzjoni, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera *dumping* għal importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità mit-Tajlandja. Il-marġni ta' *dumping* li nstab, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 100 %.

L-Indja

(47) Sabiex ikun determinat jekk setgħetx tinstab evidenza fir-rigward tal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità mill-Indja matul l-IP, intużaw il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni provduti mill-produttur Indjan li kkoopera

u, għall-kumpanniji li ma kkooperawx, intużat id-*data* ta' l-Eurostat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(a) *Produttur ta' l-esportazzjoni li kkoopera*

(48) Biex ikun hemm paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni għall-Atlas, sar provvediment, fl-għamla ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezz. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward tat-trasport, assigurazzjoni, spejjeż ta' ġarr u spejjeż periferali, ippakkjar u tisrif tal-munita, fuq il-bażi tad-*data* provduta mill-Atlas.

(49) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun bejn il-valur normali medju mwieżen kif stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja mwieżna tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul l-IP ta' din l-investigazzjoni, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera *dumping* għal importazzjonijiet ta' *coumarin* kunsinnati mill-Atlas. Il-marġni ta' *dumping* li nstab, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 80 %.

(50) Atlas stqarrew li t-tqabbil tal-valur normali medju ppeżat kif stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja ppeżata tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni waqt l-IP ta' din l-investigazzjoni wassal għal konklużjoni mhux korretta minħabba li d-differenza fiż-żmien bejn l-IP taż-żewġ investigazzjonijiet hija ta' għaxar snin.

(51) Madankollu, il-Kummissjoni ħadet id-*data* għall-valur normali medju ppeżat mir-reviżjoni ta' skadenza li ġiet konkluża fl-2002 u għalhekk id-differenza fiż-żmien bejn l-IP taż-żewġ investigazzjonijiet hija ta' sentejn biss. Dan huwa fi qbil mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(b) *Kumpanniji li ma kkooperawx*

(52) Biex ikun hemm paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni għall-Atlas, sar provvediment, fl-għamla ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw l-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezz. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward tat-trasport, assigurazzjoni, spejjeż ta' ġarr u spejjeż periferali, ippakkjar u tisrif tal-munita, fuq il-bażi tad-*data* provduta mill-Atlas.

(53) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun bejn il-valur normali medju mwieżen kif stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja mwieżna tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul l-IP ta' din l-investigazzjoni, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera *dumping* għal importazzjonijiet ta' *coumarin* lejn il-Komunità minn kumpanniji fl-Indja li ma kkooperawx. Il-marġni ta' *dumping* li nstab, imfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntieri tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 60 %.

(58) L-investigazzjoni wriet li Atlas kienet kisret il-miżuri *anti-dumping* li kienu fis-seħħ; dan sar permezz ta' l-esportazzjoni mill-ġdid, wara modifika żgħira, tal-*coumarin* li joriġina mil-PRC. Instab ukoll li Atlas kienet esportat lejn il-Komunità *coumarin* prodott ġenwinament fl-Indja permezz tar-rotta Phenol (ara l-premessa 27) Skond l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, il-fatt li Atlas kienet qed tqarraq bil-liġi jiskwalifikaha mill-kisba ta' eżenzjoni.

Ċ. MIŻURI

(54) Fid-dawl tas-sejba ta' hawn fuq ta' ksar fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri *anti-dumping* eżistenti fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-PRC għandhom ikunu estiżi għall-istess prodott kunsinnat mill-Indja u t-Tajlandja, kemm jekk dan ikun dikjarat li joriġina mill-Indja jew mit-Tajlandja u kemm jekk ma jkunx.

(55) Id-dazju estiż għandu jkun dak stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament oriġinali.

(56) Skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li l-miżuri kollha li jiġu estiżi għandhom ikunu applikati għall-importazzjonijiet irreġistrati mid-data tar-reġistrazzjoni, id-dazju *anti-dumping* għandu jinġabar minn fuq l-importazzjonijiet ta' *coumarin* kunsinnati mill-Indja u t-Tajlandja li jkunu daħlu fil-Komunità taħt ir-reġistrazzjoni imposta bir-Regolament tal-bidu. Madankollu, minħabba li l-prodott, min-natura tiegħu, jitħassar malajr, kif ukoll minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma kienx possibbli li jiġu segregati b'ċertezza l-operazzjonijiet marbuta mal-*coumarin* prodott ġenwinament fl-Indja minn dawk marbuta mal-*coumarin* importat miċ-Ċina, ippurifikat ulterjorment u aktar 'il quddiem esportat mill-ġdid lejn il-Komunità. B'riżultat ta' dan, il-ġbir retroattiv tad-dazju *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-*coumarin* ikkunsinnati mill-Indja m'għandhomx ikunu applikabbli għall-importazzjonijiet tal-*coumarin* esportat minn Atlas waqt il-perjodu ta' reġistrazzjoni

D. TALBA GĦAL EŻENZJONI MIR-REĠISTRAZZJONI JEW MILL-ESTENSJONI TAD-DAZJU

(57) L-uniku esportatur li kkoopera, Atlas, għamel talba għall-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u mill-mistennija miżuri *anti-dumping* estiżi, skond l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(59) Madankollu, minħabba li l-prodott, min-natura tiegħu, jitħassar malajr, kif ukoll minħabba d-diffikultajiet li sabet Atlas waqt l-IP biex tiddistingwi l-prodotti manifatturati fl-Indja permezz tar-rotta Phenol u l-*coumarin* Ċiniż ippurifikat ulterjorment u esportat mill-ġdid lill-Komunità, huwa eċċezzjonalment meqjus xieraq li jiġi aċċettat impenn min-naħa ta' Atlas, li bih il-kumpannija tbiegħ lill-Komunità il-*coumarin* ġenwinament prodott fl-Indja sa limitu kwantitattiv li jikkorrispondi għal kwanità ta' prodott bħal dan mibjugħ lill-Komunità waqt l-IP. Il-*coumarin* mibjugħ taħt impenn bħal dan ma jkunx suġġett għall-ħlas tad-dazju estiż.

(60) Dan l-impenn minn Atlas jista' jiġi aċċettat mill-Kummissjoni permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(61) F'dan il-kuntest, Atlas ħadet l-impenn li tipprovdi l-Kummissjoni b'taġrif dettaljat u regolari dwar l-esportazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità, li jfisser li l-impenn jista' jiġi kkontrollat b'mod effettiv mill-Kummissjoni.

(62) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkontrolla aħjar li l-kumpannija tkun qed twettaq l-impenn li ħadet, kull meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dwana rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju kontra d-*dumping* għandha tkun kundizzjonata għall-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali li jkun fiha għallinqas l-elementi mniżżla fl-Anness. Dan il-livell ta' taġrif huwa meħtieġ ukoll għall-awtoritajiet tad-dwana sabiex jivverifikaw b' biżżejjed preċiżjoni li l-kunsinni jikkorrispondu għad-dokumenti kummerċjali. Meta fattura bħal din ma tiġix ippreżentata, jew meta ma tikkorrispondix għall-prodott ippreżentat lid-dwana, ir-rata xierqa tad-dazju kontra d-*dumping* ikollha titħallas.

Fid-dawl ta' dan, l-offerta ta' impenn hija għalhekk meqjusa aċċettabbli u l-kumpannija kkonċernata ġiet infurmata dwar il-fatti, il-kunsiderazzjonijiet u l-obbligi essenzjali li fuqhom hija bbażat l-aċċettazzjoni.

E. IMPENN

(63) Jekk Atlas tikser l-impenn jew ikun hemm prova li l-impenn mhuwiex fattibbli, il-Kummissjoni tista' tirtira l-aċċettazzjoni tagħha,

(a) tkun preżentata fattura kummerċjali, li jkun fiha għallinqas l-elementi mniżżla fl-Anness, lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, malli tiġi preżentata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera; u

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju *anti-dumping* definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 769/2002 dwar importazzjonijiet ta' *coumarin*, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00 li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina huwa hawnhekk estiż għal importazzjonijiet ta' *coumarin*, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 2932 21 00 kunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk dan ikun dikjarat li joriġina mill-Indja jew mit-Tajlandja kif ukoll jekk le (kodiċi TARIC 2932 21 00 11 u 2932 21 00 15).

2. Id-dazju estiż bil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jin-ġabar fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 661/2004 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, bl-eċċezzjoni tal-merkanzija esportata minn Atlas Fine Chemicals Pvt Ltd., Debhanu Mansion, Nasik-Pune Highway, Nasik Road, MS 422 101, l-Indja (Kodiċi addizzjonali TARIC A579)

3. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju definittiv *anti-dumping* m'għandux japplika għall-importazzjonijiet maħruġa għaċ-ċirkolazzjoni libera skond l-Artikolu 2.

4. Id-disposizzjonijiet li hemm fis-seħħ dwar id-dazji doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet dikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu eżenti mid-dazju kontra d-*dumping* impost mill-Artikolu 1, dejjem jekk huma prodotti minn kumpanniji li l-Kummissjoni aċċettat impenji mingħandhom u l-ismijiet tagħhom huma mniżżla fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni rilevanti, kif emendata minn żmien għall-ieħor, u li jkunu ġew importati fi qbil ma' dik id-Deċiżjoni.

2. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 se jkunu eżenti mid-dazju *anti-dumping* b'kundizzjoni li:

(b) l-merkanzija dikjarata u preżentata lid-dwana tkun tikkorrispondi preċiżament mad-deskrizzjoni fuq il-fattura kummerċjali.

Artikolu 3

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż bl-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħa mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-applikant. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat B
Uffiċċju: J-79 05/17
B — 1049 Brussell
Fax (32 2) 295 65 05
Telex COMEU B 21877.

2. Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' merkanzija impurtata minn kumpanniji li għamlu talba bħal din mid-dazju estiż bl-Artikolu 1(1).

Artikolu 4

L-awtoritajiet tad-dwana qed ikunu hawnhekk ordnati biex ma jissoktawx bir-reġistrazzjoni ta' importazzjoni, stabbilita skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 661/2004.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kunsill
Il-President
C. VEERMAN

ANNEX

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi indikata fuq il-fattura kummerċjali li tkun qed takkumpanja il-bejgħ ta' *coumarin* tal-kumpannija lejn il-Komunità li jkun suġġett għal-Impenn:

1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPENN"
2. Isem il-kumpannija msemmija fl-Artikolu 2(1) li tkun qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
3. In-numru tal-fattura kummerċjali
4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtu l-merkanzija fuq il-fattura għandha tkun rilaxxata mid-dwana mal-fruntiera tal-Komunità.
6. Id-dekrizzjoni eżatta tal-merkanzija, inkluż:
 - In-numru tal-Kodiċi tal-Prodott (PCN) użat għall-għanijiet ta' l-investigazzjoni u ta' l-impenn,
 - deskrizzjoni sempliċi tal-merkanzija li tikkorrispondi għall-PCN ikkonċernat (eż. PCN ...),
 - in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpannija (CPC) (jekk meħtieġ),
 - il-kodiċi NM,
 - il-kwantità (li għandha titniżżel f' kg).
7. Isem il-kumpannija li qed taġixxi bħala importatur fil-Komunità li liha tinħareġ direttament mill-kumpannija il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-merkanzija soġġetta għal impenn.
8. Isem l-uffiċjal tal-kumpannija li ħarġet il-fattura u din id-dikjarazzjoni ffirmata:

"Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lill-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qed isir fi ħdan il-firxa u skond it-termini ta' l-impenn offrut minn (kumpannija) u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-deċżjoni (NIŻŻEL IN-NUMRU). Niddikjara li l-informazzjoni provduta f'dan il-fattura hija kompleta u korretta."
